

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.9014 — PKN Orlen/Grupa Lotos)**  
**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**  
(2019/C 232/07)

1. Fit-3 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Polski Koncern Naftowy ORLEN Spółka Akcyjna, il-Polonja ("Orlen");
- Grupa Lotos Spółka Akcyjna, il-Polonja ("Lotos").

Orlen takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll waħdani tat-totalità ta' Lotos.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma u offerta pubblika ta' xiri.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Orlen hija entità integrata vertikament, li topera prinċipalment fir-raffinar u fil-kummerċjalizzazzjoni (inkluż il-bejgħ bl-imnut) ta' fjuwil u prodotti relatati fil-Polonja, kif ukoll fir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja u l-Ġermanja. Għandha wkoll attivitajiet fl-esplorazzjoni, fl-iżvilupp u fil-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali, kif ukoll fis-suq tal-prodotti petrokimiċi.
- Lotos hija entità integrata vertikament, li topera prinċipalment fir-raffinar u fil-kummerċjalizzazzjoni (inkluż il-bejgħ bl-imnut) ta' fjuwil u prodotti relatati, l-aktar fil-Polonja. Hija għandha wkoll attivitajiet fl-esplorazzjoni, fl-iżvilupp u fil-produzzjoni ta' żejt mhux maħdum u gass naturali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9014 — PKN Orlen/Grupa Lotos

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

E-mail: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").